MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2398/2004

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Young Godwin u l-istess Young Godwin (ID 865146M)**

**Vs**

**Caruana Jesmond**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Dicembru 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm124.10 (mija erbgha u ghoxrin Lira Maltin u ghaxar centezmi) dovuti ghal danni kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh gewwa l-Fgura nhar il-25 ta' April 2004.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Kundanna lill-konvenut li jhallas Lm89.10c lill-Untours Insurance Agents Limited noe u Lm35 lil Godwin Young –

danni minnhom subiti in segwitu ghal habta li grat il-Fgura fil-25 ta' April 2004 bejn Citroen Estate nru. DOG 012 misjuqa mill-attur u VW nru. TFD 878 misjuqa mill-konvenut, liema kollozjoni grat tort tal-konvenut.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104 kontra l-konvneut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

L-esponenti jirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi, u kontenuti fl-Avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwisatjoni kien unikament responsabbli is-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DOG 012, ossija Godwin Young, kawza ta' imprudenza, imperizja u nuqqas ta' ossevazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza kienet qed tigi mismugha kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet "Montaldo Insurance Agency Ltd noe vs Godwin Young" (Avviz 311/05) deciza llum stess.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjes kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------